MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2012

Talba Numru. 889/2011

**Talba Nru: 889/2011VGD**

Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ estera Argus Insurance Company (Europe) Limited u dina kif surrogate fid-drittijiet ta’ l-assigurat taghha Anthony Bianchi, u l-istess Anthony Bianchi.

Vs

Francis Xuereb u Water Services Corporation..

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici ppremettiet illi nhar it-12 ta’ Novembru 2010 sehh incident gewwa Hal Qormi ghall-habta ta’ l-10.00am li bhala konsegwenza tieghu l-vettura bin-numru ta’ registazzjoni FBN 276 proprjeta’ ta’ l-attur Anthony Bianchi soffriet

hsarat. Dan l-incident sehh bhala konsegwenza ta' traskuragni, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenut Francis Xuereb, impjegat mas-socjeta' konvenuta Water Services Corporation illi waqqa' ghodda fuq l-imsemmija vettura bin-numru ta' registrazzjoni FBN 276; illi b'hekk isegwi illi l-incident de quo sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenut Francis Xuereb. Inoltre l-konvenuta Water Services Corporation ghandha tinzamm responsabbli ghal dan l-incident b'applikazzjoni tal-principji ta' culpa in eligendo u culpa in vigilando; illi ghalhekk il-konvenuti ghandhom jigu kkundannati b'mod in solidum bejniethom sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta' tlett mija u tnejn u sebghin ewro u sebgha u tletin centezmu (€372.37), rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' hamsa u hamsin ewro (€55.00) l-excess payment illi l-attur Anthony Bianchi hallas in konnessjoni ma dan l-incident, u in kwantu ghas-somma ta' tlett mija u sbatax-il ewro u sebgha u tletin centezmu (€317.37), id-danni kollha sofferti bhala rizultat ta' dan l-incident illi ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive. Bl-ispejjes inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali datata 26 ta' April 2011 u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali tas-26 ta' April 2011 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, hija ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, huwa ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-ligi.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut u s-socjeta' konvenuta in solidum bejniethom ihallsu s-somma ta' tlett mija u tnejn u sebghin ewro u sebgha u tletin centezmu (€372.37), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuti in solidum bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------